# QORTI TA' L-APPELL

## (APPELL MIT-TRIBUNAL GHAT-TALBIET ZGHAR)

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST. S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' Ottubru, 2001**

**Numru**

**Avviz Numru 1847/99 PS**

**Peter u Carmel ahwa Mifsud**

**vs**

**Joseph Camilleri**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

**L-AVVIZ PROMOTORJU**

L-appellanti pprezentaw talba fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fejn talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tnejn u sebghin lira Maltin (Lm72) import ta' merkanzija ossia demel mibjugh u kkonsenjat fl-ghalqa tal-konvenut.

**L-eccezzjonijiet tal-konvenut**

2. Il-konvenut appellat eccepixxa illi d-demel li gie kkonsenjat ma kienx tal-kwalita' pattwita.

**Is-sentenza appellata**

3. B'decizjoni ta' l-24 ta' Lulju, 2000, fl-ismijiet premessi t-Tribunal laqa' l-eccezzjoni tal-konvenut appellat u cahdet it-talbiet attrici.

**L-appell tar-rikorrenti**

4. L-appellanti ihossu ruhhom aggravati b'din is-sentenza u interponew appell fuq l-aggravji segwenti:

Illi t-Tribunal fis-sentenza wera li agixxa b'mod kuntrarju ghar-regoli ta' imparzjalita' u ekwita' skond il-Ligi u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(2) (d) ta' l-Att V ta' l-1995.

(i) Illi fit-tielet (3) punt tas-sentenza t-Tribunal ikkonkluda illi l-atturi naqsu li jippruvaw, b'mod konvincenti, it-talba taghhom. Waqt it-trattazzjoni tal-kawza, fl-ebda mument ma gie kkontestat il-bejgh tal-merkanzija. Fil-fatt l-istess demel li ordna l-konvenut appellat gie

kkonsenjat fil-post indikat mill-istess konvenut appellat fiz-zmien miftehem.

Illi se mai kellu jkun il-konvenut appellat li jipprova t-tezi tieghu, ladarba kien hu li allega li d-demel hekk ikkonsenjat ma kienx tal-kwalita' pattwita. Madanakollu, hafna enfasi saret fuq in-nuqqasijiet da parti ta' l-atturi. Per ezempju, t-Tribunal sahaq fuq il-fatt li l-atturi damu diversi granet ma marru biex jaghmlu verifiki dwar il-kwalita' tad-demel, u li damu madwar sena biex fittxew lill-konvenut biex ihallashom. Pero' wiehed jistaqsi, xi provi gab l-attur dwar l-allegazzjonijiet li ghamel hu? Il-konvenut appellat allega li naddaf l-ghalqa tieghu mid-demel u rmieh f'mizbla, minghajr izda qatt ma gab ebda prova li ghamel dan; l-istess jista' jinghad dwar il-fatt li lanqas gab xi prova (per ezempju, xi ricevuta) li d-demel li l-appellant ra jinhadem fl-ghalqa tal-konvenut appellat xi granet wara kien xtrah il-konvenut appellat minghand terzi. Ghaldaqstant, wiehed ikun aktar korrett jekk jghid li l-konvenut appellat naqas li jgib provi konkreti in sostenn ta' l-allegazzjonijiet li ghamel.

(ii) Inoltre, jidher li sar apprezzament hazin tal-Ligi stante illi ghalkemm il-konvenut appellat ikkontesta l-kwalita' tal-merkanzija, naqas li jispecifika fir-risposta tieghu jekk kienx qieghed jitlob ir-rexizzjoni tal-bejgh jew jekk kienx qed jitlob tnaqqis fil-prezz miftiehem. Madanakollu, it-Tribunal laqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellat u annulla l-bjegh, meta dan ma kienx specifikatament mitlub mill-

konvenut appellat, dan seta' jsir biss ladarba l-konvenut appellat jirrifjuta l-oggett, u cioe' jirritorna jew ma jircevix l-oggett, u mhux jarmih kif allegatament ghamel il-konvenut appellat.

(iii) Ghaldaqstant, id-decizjoni tat-Tribunal jidher li hija "extra petita" dak li effettivament gie eccepit fir-risposta tal-konvenut appellat.

Ghaldaqstant, l-appellanti talbu li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tikkancella d-decizjoni ta' l-24 ta' Lulju, 2000, fl-ismijiet premessi u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellat tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez, u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

**<u>Ir-risposta ta' Joseph Camilleri</u>**

5. L-appellat konvenut wiegeb hekk:-

> "Illi s-sentenza appellata hija gusta u ekwa u timmerita konferma.
>
> Illi s-sentenza appellata ma timmeritax li tigi disturbata la fl-apprezzament tal-fatti u lanqas fl-apprezzament tal-Ligi;
>
> Illi di piu' bil-qima jinghad illi l-appell *de quo* huwa ghal kollox frivolu u priv minn kwalsiasi fondament guridiku peress illi ma jissodisfax l-elementi rikjesti mil-Ligi taht l-Att ta' l-1995 dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Att V ta' l-1995) li fuqhom wiehed jista' jappella, peress illi l-artikolu 8 (2)(d) ta' l-Att V ta' l-1995, invokat mill-atturi appellanti fir-rikors taghhom, guridikament jimporta ben oltre dak li qeghdin jghidu l-atturi appellanti, tant li l-istess artikolu jaghti d-dritt ta' appell "(d) meta t-Tribunal ikun **<u>b'mod gravi</u>** mar

> kontra d-dettami ta' l-imparzjalita' u ta' l-ekwita' skond il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella" li assolutament mhux il-kaz fis-sentenza appellata.
>
> Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett illi din il-Qorti ta' l-Appell joghgobha sabiex, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, filwaqt li tichad l-appell ta' l-atturi appellanti, tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti".

**Is-sentenza ta' din il-Qorti**

6. L-appell tar-rikorrent huwa principalment impernjat fuq l-artikolu 8 (2) (d) ta' l-Att V/1995 fis-sens li gie sottomess li s-sentenza appellata tfisser t-Tribunal "agixxa b'mod kuntrarju ghar-regoli ta' imparzjalita' u ekwita' skond il-ligi".

7. Illi tajjeb li qabel xejn jigi rilevat li l-fakolta' ta' appell minn decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar hija wahda ristretta. L-appellant invoka, bhala ksur, l-artikolu 87 (2) (d). Issa dan is-subinciz ta' l-artikolu 8 li jsemmi tassattivament dawk il-kazi li fihom jista' jsir appell huwa redatt b'dicitura ferm aktar rigoruza minn kif gie espost mill-appellanti. Infatti mhux kull att da parti tat-Tribunal li b'xi mod ikun mar kontra "d-dettami ta' l-imparzjalita' u ta' ekwita'" jissodisfa il-kriterju stabbilit fl-Att imma tali agir irid ukoll ikun gie kommess "b'mod gravi".

8. Illi minn ezami akkurat tas-sentenza appellata jidher li l-aggudikatur ghamel analizi elaborata u approfondita tax-xhiedhiet u provi akkwiziti u d-decizjoni nghatat wara motivazzjoni xejn anqas

studjata. Mhux bilfors wiehed jaqbel mal-konkluzzjoni milhuqa imma certament minn imkien ma jirrizulta li t-Tribunal ippekka minn dak li jirrigwarda "imparzjalita' jew sens ta' "ekwita'", la b'mod legger u wisq u wisq anqas "b'mod gravi" kif titlob il-ligi in ezami.

9. Huwa minnu li fis-sentenza moghtija hemm punti legalment dibattibbli. Per ezempju, kien jaghmel aktar sens legalment li kieku l-appellat flok ma qabad u ddispona, billi rema' d-demel mixtri minghand l-appellanti, b'xi mod iddepozitah jew reggghu lura. Pero' min-naha l-ohra, hemm provi li juru li x-xerrej kien informa lill-vendituri appellanti li d-demel mixtri ma kienx tal-kwalita' pattwita', li kien baqa' mal-vendituri li dawn jigu jispezzjonawh u li dawn tfaccaw biss ftit qabel ma huwa ddispona mid-demel. Dan apparti minn provi ohrajn, imsemmijin in dettall mill-aggudikatur li kienu jiddimostraw kjarament li d-demel mixtri kien skadut u differenti minn konsenji precedenti. Hemm ukoll provi li l-appellanti hadu z-zmien taghhom (hmistax-il jum) biex jindenjaw ruhhom jivverifikaw l-ilment min-naha tax-xerrej, u hadu ferm aktar zmien biex fl-ahhar jiehdu passi gudizzjarji biex jithallsu tal-konsenja.

10. Illi minn punto di vista ta' dritt l-appell intavolat ma huwiex wiehed fondat. Illi b'riferenza ghal dik il-parti ta' l-aggravju li sar apprezzament zbaljat tal-ligi, tajjeb li jinghad li l-Att V/1995 kien gie mahsub biex jaghti diskrezzjoni lit-Tribunal biex jekk hemm bzonn dan joqghod fuq konsiderazzjonijiet ta' ekwita' u mhux ikun marbut b'paramatri

strettament legalistici. Illi fl-ahharnett, ma hemm assolutament xejn li jista' jitqies li kien "extra petita" f'dak li li gie deciz mit-Tribunal. Il-formola tas-sentenza ssegwi l-prassi normali f'cirkostanzi simili: akkoljiment ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u cahda tat-talbiet ta' l-attur jew rikorrent, skond il-kaz.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata kif moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-24 ta' Lulju, 2000 fil-kawza fl-ismijiet premessi, tichad l-appell tar-rikorrenti appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

Dep/Reg

mm